# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-2 t'Ottubru 2024

**Rik. Gur. Nru.: 260/2018 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**JM**

**Vs**

**MM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' JM datat 9 ta' Ottubru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

> *Illi din hija kawza ghal biex issir is-Separazzjoni personali u tigi diviza u likwidata il-komunjoni tal-akkwisti wara li jigu stabiliti l-attiv u l-passiv tal-istess, u biex jittiehdu dawk id- decizjonijiet u jew/provvedimenti l-ohra li ser jigu mitluba minn din l-Onorabbli Qorti izjed il-quddiem. U dan wara li, kif qed jigi permess, dina l-Onorabbli Qorti tiehu konjizzjoni tal-fatt li il-Medjazzjoni mitluba mill-konvenut kienet saret u inghalqet u il-partijiet gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni skond id-Digriet ta dina l-istess Qorti.*
>
> *Illi l-esponenti tinsab mizzewga mal-konvenut taghha MM. Iz-zwieg taghhom kien sar fil-Knisja Parrokkjali ta' San Lawrenz, il-*

*Birgu fl-* ***20 ta' Dicembru 1992****, (ara* ***Dok A, Certifikat taz-Zwieg****) – u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, cioe' S imwielda f'X, hija studenta l-Universita' (Dok. B) u I, imwieled f'Y, ma ghandux xoghol tal-fiss, avolja kienet irregistratu mal-MCAST ghad-Diploma fil-Business Management (Level 4) izda ma komplix. Minhabba li l-Konvenut kien qabad xoghol diversi snin ilu biex jahdem ma kumpaniji taz-zejt, illi ilu numru ta' snin jghix nofs is-sena barra minn Malta u nofsha f' Malta, u ghalhekk kien ikun mal-familja biss ghal perjodi li jalternaw ma dawk tas-safar.*

*Illi l-hajja konjugali f'dawn l-ahhar snin pero' tkissret irrimedjabbilment u dan unikament kagun u konsegwenza tal-agir inaccettabbli tal-konvenut, konsistenti fi vjolenza, theddid, ingurji gravi, sevizji, vendikazzjonijiet u agir iehor xejn xieraq bhal ma huma libertaggini u sparpaljar tal-gid tal-familja....kif jista jigi pruvat; tant illi l-esponenti kienet sabet ruhha sa fl-ahhar ma felhitx aktar u giet kostretta li titlaq mid-dar matrimonjali, fejn ghad ghandha xi effetti personali, sabiex marret toqghod flimkien ma ommha, fl-indirizz fuq indikat. Jigi precizat, ghal kull buon fini li d-dar fejn marret tabita, flimkien ma uliedha hi propjeta ta' ommha M armla ta' JC u giet akkwistata minnha permezz tal-Ufficcju Kongunt b' Att tat-8 ta' Gunju 2015 attti Nutar Rosella Sciberras. L-imsemmija ommha fl-intervall kella tigi rikoverata f' "home" minhabba mard u eta'.*

*Illi meta l-esponenti telqet mid-dar konjugali, fl-4 ta' Jannar 2017, iz-zewg uliedha minn jeddhom ghazlu li jitilqu maghha ghax anke huma, mhux biss raw diversi modi kif missierhom ittratta maghha, izda huma wkoll kienu soggetti ghall-mod aggressiv u agir imprevedibbli ta' l-istess konvenut, (fi kwalunkwe kaz* ***ma setghetx thallihom warajha*** *... anke stante li l-konvenut ma kienx ikun id-dar hlief madwar xahar iva u xahar le, b'mod kostanti, minhabba x-xoghol tieghu barra minn Malta) u kien hemm htiega biex tippreserva l-inkolumita', il-mistrieh tal-mohh u s-sens ta' sigurta*

*taghha u ta' uliedhom ... dan stante in-natura vendikativa tal-konvenut. Qabel ma telqet mid-dar taz-zwieg, kellha tiskopri ukoll li zewga kien qed indirettament izda kostantement u fit-tul jittradiha billi jinnamra ma nisa x'aktarx strangieri, permezz tas-"social media", bhal ma hu l-Facebook... ghax sabitlu, b'kumbinazzjoni, fil-mobile tieghu, numru konsiderevoli ta' ritratti ferm suggestivi anke messaggi ta' natura sesswali bl-internet, u anke xi videos pornografici. Dan l-agir jammonta ukoll, fil-fehma umli tal-esponenti, ghall-tradiment virtwali u abbandun tal-fedelta' promessa fir-***rabta*** *taz-zwieg u dan f'sens tal-Art. 41 tal-Kap 16, li ma jiddefinix x'tip ta' abbandun ezatt tal-konjugi l-iehor ikun ikkommetta. U dan kien gara aktar minn sentejn ilu, u meta il-konvenut kien jigi Malta, imbghad, u jokkupa l-istess sodda mal-esponenti martu... kif jista jigi pruvat. Ghalhekk ukoll gara li l-hajja intima ta' bejn il-koppja saret reprimibbli u kompliet tirrendi ruhha insapportabbli ghall-esponenti.*

*Illi minn diversi snin l'hawn, specjalment kemm ilu li qabad xoghol barra minn Malta, il-konvenut kellu dejjem salarju qawwi, kif certament ghad ghandu, izda l-konvenut m'huwiex qed jaghti lill-esponenti sodisfazzjon dwar x'inhu il-qliegh mensili tieghu. L-esponenti taf , pero li sa xi sentejn (2) ilu, ftit qabel telqet mid-dar, huwa kellu paga ta' l-fuq minn disat elef ewro (EUR 9000) kull xahrejn. Huwa ghandu ukoll diversi kontijiet bankarji f'ismu kemm Malta u kemm barra minn Malta u hemm ukoll xi "joint accounts" mal- Bank of Valletta. Il-flus kollha jappartienu lill komunjoni tal-akkwisti. Pero' il-konvenut hadilha is-secure-key tal-kontijiet kollha bankarji u hi tinsab imcahda mill-istess access li ghandu hu, jew li topera fuq l-'accounts', u ma tafx ezattament xi transizzjonijiet qed jaghmel il-konvenut. Di piu' il-kontendenti ghandhom flimkien Assikurazzjoni reciproka fuq il-hajja ta' xulxin mal-kumpanija Mapfre'/ MSV life, li hija 'paid-up' u ghandha "surrender value" li fl-10 ta' April 2018 kellha cash surrender value ta' EUR 16,352.74 (sittax –il elf, tlett mija u tnejn u hamsin*

*ewro u erba u sebghin centezmu) (ara* **Dok. D**). *Hi ippruvat tiftihem mal-konvenut biex jikkancellaw il-Polza u jiehdu nofs bin-nofs tas-somma disponibbli, izda baqa jirrifjuta, bla jaghti ebda raguni tajba. Imqar in-nofs ta' dik il-polza kienet tkun ta' ghajnuna importanti ghall-esponenti, li, apparti qed ikollha tghin liz-zewg uliedha, il-fond fejn tghix jehtieg spejjes anke strutturali u anke urgenti. Ix-xoghol taghha, li sa recentement kien part-time, ma jirrendiex bizzejjed, affattu.*

*Illi l-kontendenti jippossiedu ukoll bhala komunjoni tal-akkwisti u in piena propjeta' id-dar konjugali, nru 8 iu 9 Triq id-dejqa, Il-Birgu (zewg postijiet li kienu niffduhom izda jonqos xi xogholijiet traskuragni tal-konvenut; kif ukoll hemm 'garage' kbir gewwa Haz-Zabbar. Ic-cwievet huma kollha f'idejn il-konvenut, u* **avolja** *b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-14 ta' Gunju 2018 gie ordnat li jikkonsenja lill-esponenti kopja tac-cavetta tad-dar matrimonjali, b'multa a'mitejn ewro (EUR 200) kif ukoll ghoxrin ewro (EUR 20) kuljum ghal kull gurnata ta' nuqqas, xorta wahda il-konvenut ghadu jostina rasu u ma jobdix 'il-Qorti.* ***Gewwa il-garage imsemmi il-konvenut izomm numru kbir ta' muturi ('motor-cycles')*** *(ara ezempju Dok D, D1,D2 u D3) li taghhom ilu dilettant sa minn hafna snin. Dawn kien jixtrihom matul iz-zwieg u l-valur ta' dawn ghalhekk jehtieg jittiehed in konsiderazzjoni fil-formar tal-assi socjali tal-kontendenti. Il-konvenut bhala regola kien jibghat lilha ghand l-Express Trailers biex tiffirmalu d-dokumenti mehtgiega ghall-importazzjoni u ghall-konsenja taghhom lilu, apparti li jonfoq somom ohra ghal' parts' u/jew attrezzi/"embellishments"tal-istess muturi. L-esponenti tikkalkola li inxtraw sitta u ghoxrin (26) mutur, u hemm il-provi. Bhala ezempju ta' din il-kollezzjoni ta' muturi spenjuzi, mixtrija bi sparpaljar kaproccjuz flejjes tal-familja, l-esponenti qed tezibixxi erba (4) ritratti pero' hemm hafna izjed adisposizzjoni tal-provi producendi.*

*Illi minn meta l-esponenti telqet mid-dar il-konvenut baqa jaghmel vendikazzjonijiet wahda wara l-ohra, biex jiddemoralizza lill-esponenti, fosthom ... bhal meta qieghed steering lock' fuq il-karozza biex ma tistax tohrogha mill-garage, jew meta f'okkazjoni ohra sab il-karozza ipparkjata Hal Far (Hdejn Jobs Plus) fejn l-esponenti kienet qed tattendi Kors, u zarmala diversi "parts" b' tali mod li kellha tirmonka l-karozza bl-ghajnuna ta' hbieb li gentilment zammewielha fil-garage taghhom. Dwar dan sar rapport lill-ghassa taz- Zejtun. Biex iktar ikun vendikattiv u joholqolha inkwiet, il-konvenut f'dik l-epoka (madwar ftit iktar minn sena ilu) sahansitra wasal biex idawwar il-karozza (fil-Log Book li ukoll hadulha mill-karozza) fuq isem huh CM – u dan sintendi minghajr kunsens taghha, kif ghadha sal-lum peress li l-konvenut ghadu fil-pussess tal-parts, tal- log book u ma dawwar lura fuq isimhom l-imsemmija karozza, l-esponenti ma setghetx iggedilha l-licenzja tat-triq li ghalqet fit-30 ta' Settembru 2018.*

*Illi kif wiehed jista jifhem minn dak fuq espost, il-konvenut mhux biss jehtieg –* ***anke fl-istadju bikri tal-kawza*** *– jigi imgieghel jerga iqieghed il-karozza fl-istat li kienet, funzjonanti, izda li jigi ordnat jikkancella l-isem ta' CM mil-Log Book, u jirritorna tali Log Book lill esponenti sabiex il-karozza tigi licenzjata, assigurata u terga tintuza..ghax apparti l-inkonvenjent li hi giet imcahhda mill-uzu taghha, din qed iggarrab hsara, kif inhi, wieqfa ghal madwar sena jew aktar.*

*Illi avolja il-konvenut* ***ghandu dhul mensili konsiderevoli mix-xoghol tieghu****, (kalkolat f' eluf ta' ewro huwa qed jirrifjuta kapriccjozament milli jasal  ghal likwidazzjoni bonarja (almenu) tas-somma li hemm fl-Assikurazzjoni (kif gie mitlub mill-avukat sottoskritt waqt is-Seduta tal-medjazzjoni)). Bil-paga zghira li ghandha l-attrici ma tistax twassal ... considerando li ghandha binha I jinsab ghadu bla xoghol, mentri bintha S hija bhala studenta 'full time' l-Universita' ta' Malta fil-kors tal-Medicina u*

*Kirurgija u ghalhekk tiddependi minnha, ghax mill-istupendju, fil-parti l-kbira, imur ghall-kotba, tragitti, ta' kuljum u bzonnijiet tal-istudji taghha. Dan igib li, bin-nuqqas gravi tal-konvenut li jirrifjuta li jaghti manteniment xieraq ghaliha u ghal uliedhom komuni, l-esponenti u uliedhom it-tnejn qed isofru BLA BZONN (**ghax flus hemm**) ingustizzja u tbatija u dan kontra kull bon sens uman. Ghalhekk hu mehtieg b'mod urgenti li l-konvenut jippresta manteniment xieraq kull gimgha jew kull xahar.*

*Illi ghalhekk, spjegat dan kollu u kif ahjar sejjer jirrizulta mill-provi, l-esponenti **qed tipprezenta RIKORS kontestwalment ma dina kawza** (li hi ntiza ghas-separazzjoni personali bejn il-konjugi.) biex titlob ammont xieraq ta' Manteniment li jithallas mill-konvenut lill-attrici ghaliha u ghal uliedhom komuni- u dan <u>anke qabel jibdew</u> il-provi fil-meritu tal-Kawza u b'CERTA URGENZA, din l-onorabbli Qorti tappunta dak r-Rikors kontestwali ghal data kollox in bazi tal-ligi fl-artikolu 37 (1) et seq, u art. 46A tal- Kap 16, Ligijiet ta' Malta u bla pregudizzju ghall-procedura u meritu tal-kawza odjerna. Dan kolllu BLA pregudizzju ghal-premessi, provi, u talbiet li sabu fil-kawza odjerna.*

*Illi ghalkemm ma ghandhiex li "smoking gun" dwar adulterju, il-mod kif il-konvenut jghix pratikalment nofs ta' kull sena barra minn Malta f'ambjenti strangieri u fejn in-nisa u t-tentazzjonijiet ma jonqsux, il-boghod minn ghajnejn martu, **u mehud kont** tal-affarijiet diga' esposti hawn fuq dwar komunikazzjonijiet mhux xierqa ma nisa diversi, piu' videos u ritratti pornografici li kienet sabitlu, il-konvenut jinsab taht presunzjoni qawwija (almenu juris tantum) li ikkommetta atti adulteri bi ksur tar-rabta u l-weghda konjugali ta' fedeta tul iz-zwieg. Dan ghandu b'rispett, ittiehed in konsiderazzjoni wara li l-esponenti tressaq il-provi cirkostanzjali relattivi, li jinvolvu eluf ta' pagni u screenshots minn fuq l-internet account tal-Konvenut.*

*Illi minhabba dak kollu espost hawn fuq u l-provi l-ohra li jigu provduti matul it-trattazzjoni tal-kawza, l-esponenti issostni li hi ghandha ragun u dritt sabiex tottieni is-Separazzjoni Personali minn zewgha l-konvenut, b'dak kollu li tipprovdi l-ligi ta' f'kazi simili, u ghalhekk "***din l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba li***"*

***--Prevja li tiddikjara lill-konvenut unikament jew maggiorment hati tar-ragni ghat-tkissir taz-zwieg bejn il-kontendenti.;***
***--prevja*** *ukoll li jigi dikjarat li fost ragunijiet ohra serji li jigu pruvati, hemm indizji gravi ta' adulterju ukoll: u ukoll li t-tluq tal-attrici mid-dar konjugali kien wiehed* ***provokat*** *bl-agir tal-konvenut u ma jikkostitwix 'abbandun' fis-sens;*
***--prevja*** *li jigi stabbilit il-Valur Kapitali possedut in komun bejn il-kontendenti kif ukoll id-Dhul (income) 'nett' f'dawn l-ahhar snin tal-konvenut minn xogholu u anke minn investimenti, imghax, dritijiet, krediti, jew kwalunkwe sors iehor;*
***--prevja*** *li tigi stabilita b'hekk il-konsistenza u il-valur nett global tal-assi konjugali u dik parafernali tal-istess kontendenti billi tifformahom f'zewg (2) porzjonijiet rispettivi cioe' dik rigwardanti l-komunjoni tal-akkwisti u dik li tappartjeni biss lill xi parti jew lil min minnhom;*
***U prevja*** *li tiehu in konsiderazzjoni li fost il-konsistenza tal-komunjoni hemm jezistu (1) zewg propjetajiet cioe id-dar konjugali cioe' nru 8. U 9 Triq id-Dejqa, il-Birgu, u Garage kbir li jinsab f' Haz Zabbar; (2) diversi muturi jew motorcycles mixtrija mill-konvenut bi sparparjar ta' flus il-komunjoni, u li dwarhom ghandu jirrendi kont dwar il- prezz jew valur fis-suq – sija dawk li ghandhom fil-garage jew fl-uzu u sija dawk mibjugha jew mikrija minghajr kunsens tal-esponenti, u fin-nuqqas dawn jigu verifikati u stmati jew minn Express Trailers jew minn esperti ohra nominandi; (3) Polza ta' Assigurazzjoni mal- MAPFRE/MSV LIFE, li ggib in- numru FP439645 u ghandha valur kapitali ta' madwar sittax –il elf ewro (EUR 16000) jew aktar kif fuq; (4)*

*diversi Depoziti Bankarji, illi l-esponenti ghandha dwarhom numru kbir ta' Statements producendi, izda li l-valur attwali taghhom ma tistax tistabbilieh wahida ghax ma ghandhiex iktar access ghall-kontijiet kollha bhal ma dari kellhom iz-zewg konjugi ; (5) karozza Toyota IST bin-numru IBL 265, li fil-prezent tinsab zarmata mill-konvenut, li ghandu l-log book u l-parts taghha, mehudin bi vjolenza privata anzi misruqa minn wara dahar l-attrici da parti tal-konvenut: (6) ghamara u/jew oggetti ta' valur inkluzi rigali tat-tieg, li kienet halliet warajha fid-dar konjugali meta kellha titlaq, u li dwarhom isiru l-provi testimonjali mehtiega : (7) kull attiv iehor li jista' jirrizulta fil-mori'- b'tali mod li jinghadd i-valur monetarju fis-suq odjern ta' dak kollu li hu komunjoni, bit-tnaqqis okkorrendo tad-debiti tal-komunjoni, sabiex jigi stabbilit il-valur monetarju 'nett';*

*L-esponenti titlob li jigi dikjarat illi nofs l-attiv 'net' hekk rizultanti tal-komunjoni tal- U per konsegwenza tac-cirkostanzi li wasslu ghal dina l-kawza u li stabiliment tal-valur nett globali tal-gid komuni tal-kontendenti, kif ukoll id-dhul mensili bhala salarji tal-konvenut ----* ***dina l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba li****:*

***1.tiddikjara*** *'il konvenut huwa unikament hati fil-konfront tal-attrici tat-tkissir taz-zwieg minhabba vjolenza, theddid, sevizji, inguri gravi, tradiment, sparparjar, abbandun, adulterju u krudelta domestika, jew liema minnhom, u takkorda, kif hawn mitluba, is-Separazzjoni a thoro et mensa';*

***2.takkorda t-talba*** *hawn maghmul, ghad-dekadenza tal-konvenut mid-drittijiet ta' manteniment f'kaz ta bzonn u dan a tenur tal-Art. 48 (1) (c) ; tordna li* ***jiddekadi ukoll*** *mid-drittijiet stabiliti fl-artikli 631, 633, 825 826, u 827 tal-Kap 16 (Kodici Civili); u jigi ordnat biex jirritorna kwalunkwe oggett li ircieva mill-esponenti b'rigal qabel jew wara z-zwieg kif ukoll l-effetti personali taghha li ghad jistghu jezistu fid-dar martimonjali;*

> ***3. tiddikjara ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk talloka u tqassam*** *il-gid 'nett' matrimonjali rizultanti wara tnaqqis ta' spejjes rizultanti, kollox kif deskritt hawn fuq u kalkolat minn dina l-Onorabbli Qorti, okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi, billi taghti rispettivament* ***nofs kull wiehed*** *lill-partijiet b'dan li preferibbilment, kull parti tircievi xi propjeta' immobilari' in kind' ;u billi* ***talloka bl-istess mod*** *lil kull-parti il-beni pafernali taghha jekk din tirrizulta kif ukoll ixxolji kull joint account li hemm fil-banek kif ukoll* ***ixxolji*** *l-assikurazzjoni fuq il-hajja reciproka li ghandhom bejniethom billi tqassmilhom gustament is sehem rispettiv ta' kull parti in kawza;*
>
> *4.**tahtar** lill-attrici bhala **kuratrici unika** taz-zewg ulied peress li I ma jahdimx u ghad ma ghandux Y sena u dment li S tkun ghada tistudja f'istituzzjoni gholja: u konsegwentenent taghtiha **awtorita' paterna** unika fuqhom; salv dritt ta' access reciproku bejn l-ulied u l-missier;*
>
> *5.tordna lill-konvenut ihallas lill-esponenti rata xierqa ta' manteniment ghaliha u ghall-istess ulied komuni tal-kontendenti skond il-mezzi tieghu u l-htigiet tal-attrici u l-ulied, dment li dawn ikunu ghadhom jghixu mal-Omm u ma jkollhomx xoghol regolari; u dan bla pregudizzju ghal kwalunkwe manteniment provvizorju ordnat bhala mizura temporanja fil-pendenza tal-gudizzju.*

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Ottubru 2018;

Rat illi l-intimat ta ruħu b'notifikat bl-atti tar-rikors promotur, id-dokumenti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti waqt is-seduta tas-26 t'April 2019 anke stante li kien diġa' ntavola risposta maħlufa fit-3 t'April 2019;

Rat ir-risposta guramentata ta' MM, datata 3 t'April 2019, a fol 40 et seq., li taqra hekk:

*1.Preliminari – l-esponenti jirrileva li din il-kawza saret tardivament u cioe fuori termini u dana peress li l-medjazzjoni inghalqet fis-sebgha (7) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmintax (2018) u nfethet mill-attrici fid-disgha (9) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u ghalhekk din l-eccezjoni ghandha tigi milqugha u l-kawza tigi dikjarata fuori termini;*

*2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost –* ***Dwar l-ewwel eccezzjoni*** *– l-esponenti jaqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni bejn il-partijiet b'dana pero li t-tortijiet huma attribwili lil attrici u lil hadd izjed u dana kien ser jigi ppruvat waqt it-trattazjoni tal – kawza. L-attrici dejjem ghexet hajja ta' sinjura, qatt ma hadmet u l-esponenti dejjem zammha fuq wicc l-idejn; kienet hi li dejjem amministrat il-flus, u dejjem hi hadet hsieb kollox ghax l-esponenti hadem ghall erbatax (14) il-sena fuq il-bahar u desert barra minn xtutna; kollox b'sagrificcju ghall-familja.*

*3.****Dwar it-tieni talba –*** *illi din it-talba ghandha tigi michudha peress li ma jezistux l- elementi legali sabiex jigu attivati dawn l-artikoli – illi in oltre dwar it-talba fejn jidhlu rigali, l-esponenti jirrileva li din mhux xi kawza ta' sponsajra, u wisq inqas ma huwa ma inghata ebda rigali minghand l-esponenti ghax hi qatt ma hadmet jew ikkontribwiet sabiex tikber finanzjarjament il-kommunjoni ta' bejn il-partijiet; Din il-qorti ghandha tapplika kontra l-konvenuta l-effetti in toto jew in parte tal-Artikoli 48 sa 52 tal-Kap 16 tal- Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li tilfet kull dritt li tiret lill-attur.*

***4. Dwar it-tielet talba*** *– illi l esponenti jaqbel li l-kommunjoni tigi xolta b'dana li l-Qorti ghandha tillikwida l-propjeta komuni li hemm ezistenti bejn il-partijiet u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li l-attrici hija unikament hatja ghas-separazzjoni personali u tassenja porzjoni lill-attur u porzjoni lill-konvenuta ope sententiam.*

*5.****Dwar ir-raba talba*** *- din it-talba hija frivola u vessattorja, it-tfal huma magorenni u hija illegali u ghandha tigi michuda;*

*6.* ***Dwar il-hames talba*** *– din ghandha tigi michudha fil-konfront tal-ulied tenut kont li huma magorenni, u hadd minnhom ma huwa taht it-tlieta u ghoxrin (23) sena u ghad qieghed jistudja; Dwar il-manteniment ghall-attrici, din ghandha tigi michuda peress li hi iddekadiet minn dan id-dritt ta' manteniment ghaliha ukoll u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza; anzi ghandha tkun l-attrici li tmantni lil- esponenti peress li hu qieghed ibati konsegwenzi fuq sahtu kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti proċesswali kollha u id-dokumentazzjoni kollha;

Semghet it-trattazzjoni finali mill-avukati difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara proceduri intavolati mill-attrici fejn qieghda titlob is-separazzjoni personali minn ma' żewġha l-intimat, ix-xoljiment u d-divizjoni tal-Kommunjoni tal-Akkwisti kif ukoll illi din il-Qorti tiffissa manteniment għaliha u għall-ulied il-partijiet, li huma t-tnejn maġġorenni.

Tqajmet eċċezzjoni preliminari fuq dikjarazzjoni li l-kawża ġiet intavolat *fuore temine* iżda din l-eċċeżżjoni qatt ma ġiet trattata fis-seduta mhejjija ghal din ir-raguni. Għaldaqstant din il-Qorti qed tqis illi l-konvenut irrinunzja ghal tali eċċezzjoni. B'hekk din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tqis u tiddeċiedi fuq il-mertu.

**Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mresqa:**

*Il-Verzjoni tal-Attriċi u l-Provi Mressqa Minnha:*

L-attriċi xehdet permezz ta' affidavit (fol. 27 *et seq.*) fejn stqarret li hija kienet miżżewġa lill-intimat u kellhom żewġt itfal flimkien. Hu kien jagħmel xahar Malta u xahar barra fuq xogħol ma' kumpanija taż-żejt. Tgħid li bdiet tħares lejh differenti meta l-intimat qabad il-vizzju tal-pornografija u tgħid li l-istess intimat ma kienx jagħmel sforz biex jeghleb dan il-vizzju tant li anke binhom minuri kien rah u kien iddisgustat. Kienu anke jitilgħu ritratti espliċiti ta' nisa' għarwenin meta kienet tidħollu telefonata u ma jeħodhiex. Tgħid illi kienu ta' spiss jispiċċaw jargumentaw fuq dan il-vizzju tiegħu, tant li skond l-attriċi kien jispiċċa jgħajjarha b'ħafna kliem iebes u jinsolentaha u kien hemm anke incident li fih huwa refgħa jdejh fuqha u qasmilha xoffitha.

Dawn l-inċidenti waslu għal proċeduri fuq vjolenza domestika iżda l-attriċi tgħid illi ħafret lil żewgħa bit-tama li jirranġa. Minħabba li dan ma seħħx, hija ħasset li kellha titlaq mid-dar biex tevita xi incident ieħor. Ulied il-partijiet għażlu li jitilqu magħha.

L-attriċi tgħid illi hija kienet mara tad-dar għas-snin kollha matul iż-żwieġ u sabet xogħol biss wara li telqet mid-dar matrimonjali. Għalhekk hija kienet f'sitwazzjoni diffiċli ferm finanzjarjament filwaqt li l-intimat kellhu dħul konsiderevoli in vista tan-natura ta' xogħolu. Tgħid illi d-dħul tal-intimat jidħol f'kont bankarju intestat f'ismu ġewwa l-Kuwait.

Tgħid illi bħala delizzju l-intimat xtara madwar erbgha u ghoxrin (24) mutur matul iż-żwieġ li għalkemm ma tafx il-valur tagħhom tippretendi li tieħu sehemha. Issemmi wkoll il-proprjeta' li tifforma l-komunjoni bejn il-partijiet fosthom id-dar matrimonjali u l-garaxx, il-polza t'assikurazzjoni kif ukoll il-vettura li tgħid li l-intimat kien żarmaha meta hija kienet qiegħda tattendi kors ta' taħriġ filgħaxija, dawwar il-vettura fuq ħuh u għamel rapport mal-Pulizija fil-konfront tagħha li kienet qiegħda tuża' vettura ta' ħuh mingħajr il-kunsens tiegħu.

L-attriċi ssemmi kif kellha tipproċedi kontra żewġha quddiem Qorti tal-Maġistrati b'kompetenza kriminali wara li biddel is-serratura tad-dar matrimonjali u rrifjuta li jtiha kopja taċ-ċavetta, kif ukoll sakkar il-vettura

tagħha ġewwa l-garaxx. Fiż-żewġ proċeduri tgħid li nstab ħati iżda xorta baqa' ma ottemporax ruħu mas-sentenzi tal-Qorti.

Permezz ta' nota (fol. 104 *et seq.*) l-attriċi ppreżentat set ta' ritratti bħala prova tal-muturi differenti li l-intimat xtara matul iż-żwieġ tal-partijiet kif ukoll ritratti tal-paġni fuq il-medja soċjali *Facebook* li skont hi jsegwi l-intimat.

L-attriċi anke xehdet quddiem din il-Qorti waqt is-seduta tas-17 ta' Frar 2020 u tas-7 ta' Diċembru 2021. Fl-ewwel seduta xehdet fuq incident ta' meta marret biex taċċedi d-dar matrimonjali u ma setgħetx. Fit-tieni seduta msemmija xehdet fuq iż-żwieġ tal-partijiet u tkellmet fuq kien affettwaha l-fatt li r-Raġel tagħha kien ifittex il-pornografija. Qalet li l-intimat ried li hu jkollu nisa oħra u hi rġiel oħra. Xehdet dwar meta l-intimat qasmilha xufftejha minħabba argument li kellhom fuq l-eżamijiet u li matulu ma qablux politikament.

Tgħid li għalkemm it-tir tagħhom kien li jmur jaħdem barra biex ikunu jistgħu jgħixu fuq paga waħda u jirranġaw id-dar, l-intimat beda jonfoq il-flus fuq numru ta' muturi kbar li beda jixtri. Sa qabel ma telqet mid-dar, l-attriċi tgħid li kellu ħamsa u għoxrin (25) mutur li mhux kollha huma reġistrati f'ismu.

Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, l-attriċi resqet is-segwenti provi:

1. Rapport ġuramentat tal-Perit u Inġinier Ċivili John Attard li permezz tiegħu wara li aċċessa l-proprjeta' tal-partijiet ippreżenta l-valutazzjonijiet tiegħu tal-propjetajiet. Skont dan ir-rapport peritali, il-fond matrimonjali tal-partijiet għandu valur ta' tlett mija u hamsa u disghin elf Ewro (€395,000) filwaqt li l-garaxx ġewwa Ħaż-Żabbar għandu valur ta' wiehed u sebghin elf Ewro (€71,000).

2. Rapporti ntavolati mal-Pulizija mill-partijiet li jikkonsistu fis-segwenti:
   a. Rapport datat 9 ta' Ġunju 2017 magħmul mill-intimat fil-konfront tal-attriċi stante li allegatament kienet ħadet pussess tal-vettura ta' ħuh. Meta mistoqsi mill-Pulizija huwa wieġeb li hu kien qaleb il-vettura fuq ħuh mingħajr ma qal lill-martu qabel ma kien inqala' l-inkwiet

bejniethom biex itiha sorpiża b'vettura ġdida iżda imbagħad inqala' l-inkwiet.

b. Rapport datat 29 t'Awwissu 2019 magħmul mill-attriċi stante li kienet marret biex taċċessa l-fond matrimonjali flimkien mal-Pulizija u ma setghetx tiftaħ.

c. Rapport datat 27 ta' Lulju 2018 magħmul minn JM għaliex minkejja sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati huwa kien għadu ma għaddilhiex kopja taċ-ċavetta l-ġdida għal fond matrimonjali. Meta mitkellem mill-Pulizija, l-intimat qal li kien jaf bis-sentenza imma kien qed jistenna li jinqata' l-appell fuq l-istess vertenza.

d. Rapport datat 25 ta' Lulju 2017 magħmul mill-attriċi, stante li kienet marret biex tidħol fid-dar matrimonjali flimkien ma' bintha biex din iġġib xi affarijeit personali tagħha u ma setgħetx tiftaħ. Meta l-Pulizija tkelmet m'omm l-intimat, hija qaltilhom li kellha istruzzjonijiet preċiżi sabiex ma tiftaħ lil ħadd u ma ridetx inkwiet ma' binha. Meta ġie mitkellem l-intimat huwa qal li kellu kull darba jbiddel is-serratura għaliex kull darba li jkun imsiefer, l-attriċi kienet tidħol tieħu affarijiet anke tiegħu.

e. Rapport datat 6 ta' Novembru 2014 magħmul mill-attriċi wara li l-intimat kien taha daqqa fuq wiċċha u hi kellha ċertifikat miċ-ċentru tas-Saħħa tar-Raħal Ġdid.

f. Rapport datat 10 t'Ottubru 2017 magħmul mill-attriċi wara li kienet sabet in-*number plates*, il-batterija tal-vettura u xi *wires* oħra neqsin mill-vettura tagħha. Meta ġie mitkellem l-intimat mill-Pulizija, huwa ammetta li dawn kienu jinsabu għandu.

g. Rapport datat 18 ta' Mejju 2017 magħmul mill-attriċi sabiex ikollha dokumentat illi hi kienet għaddiet kopja taċ-ċavetta li bidlet hi tal-fond matrimonjali. Dan wara li kienet sabet lill-familjari tal-intimat jibdlu l-istess serratura waqt li l-intimat kien imsiefer għalhekk hija kienet reġgħet bidlitha.

h. Rapport datat 18 ta' Marzu 2017 magħmul mill-attriċi wara li kienet indunat li l-intimat kien biddel is-serratura tal-fond matrimonjali tagħhom u tal-garaxx li għandhom ġewwa Ħaż-Żabbar. Ukoll l-attriċi rraportat illi l-intimat kien għamel *steering lock* mal-*steering wheel* tal-

vettura li tuża' hi. L-attriċi rraportat ukoll illi l-intimat kien għamel trasferiment ta' hamsin elf Ewro (€50) maqsum f'zewg trasferimenti ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro kull wiehed (25,000 Ewro) mill-kont bankarju tagħha għal ġol-kont bankarju konġunt u sussegwentement għal ġol kont bankarju tiegħu (Vide Fol 163). Dan setgħa jagħmlu għaliex hu kien ħa l-*key* tagħha u kien jaf in-numri tal-identifikazzjoni.

i. Rapport datat 4 ta' Mejju 2017 magħmul mill-attriċi dwar theddid ta' vjolenza li sar mill-intimat. Meta l-intimat ġie mitkellem mill-Pulizija, huwa ammetta magħhom li kien qal dak id-diskors.

**3.** Ix-xhieda tar-rappreżentant ta' Transport Malta fis-seduta quddiem l-Assistant Ġudizzjarju ta' nhar il-5 ta' Mejju 2021 (fol. 171 *et seq.*) liema xhud eżebixxa rendikont tal-vetturi u muturi li jidhru rreġistrati f'isem il-konvenut. Ix-xhud ikkonferma illi l-vettura Toyota li tuża' l-attriċi, kienet ġiet trasferita għal fuq ħu l-intimat fit-30 ta' Jannar 2017 u reġgħet inqalbet lura għal fuq l-intimat fis-27 ta' Novembru 2018. Ix-xhud eżebixxa rendikont ta' tlettax (13)-il mutur li jidhru reġistrati fuq l-intimat flimkien ma' tlett (3) vetturi.

**4.** Ix-xhieda tar-rappreżentant tal-*Express Trailers* fis-seduta quddiem l-Assistant Ġudizzjarju ta' nhar is-26 ta' Mejju 2021 (fol. 213) liema xhud eżebixxa numru ta' fatturi relatati mal-pagamenti li għamel il-konvenut għas-servizzi tas-soċjeta' biex inġiebu Malta l-muturi ordnati mill-konvenut

**5.** Rappreżentant tal-*Bank of Valletta p.l.c.* (fol. 283) liema xhud preżentat *statements* tal-kont bankarju intestate f'isem l-intimat MM u li permezz tagħhom din il-Qorti tista' tara li fis-sena 2020 l-intimat kien qed jirċievi benefiċċju soċjali relatat ma' nuqqas ta' impjieg iżda fl-istess ħin saru xorta trasferimenti għall-partijiet tal-muturi kif ukoll trasferimenti għal ġo kontijiet oħra tal-istess MM. Minn Settembru 2020, MM beda jitħallas salarju minn Foster Clarks Products Limited. Il-Qorti tinnota illi l-intimat beda jiġbed il-flus mill-kont fl-ammonti ta' ħames mitt euro (€500) kull ftit ġranet.

6. Ix-xhieda ta' Fr Joe Avellino (fol. 341) li qal li kienet kelmitu l-attriċi wara li skopriet ritratti ta' nisa fuq il-mowbajl tal-intimat, prova jressaqhom lejn xulxin iżda ma rnexxilux.

7. Ix-xhieda ta' iben il-partijiet, I (fol. 343) li permezz tagħha xehdet illi hu dejjem jiftakar lill-missieru bin-nervi u li jrid li dejjem tgħaddi tiegħu. Stqarr

li qatt ma jiftakar li kellu relazzjoni tajba ma' missieru għax dejjem kien jgħajjat magħhom meta kien ikun id-dar. Jiftakar illi ta' tlettax (13)-il sena kien fetaħ file fuq il-kompjuter ta' missieru li suppost kien fih ritratti tal-muturi iżda kienu kollha ritratti oxxeni. Jiftakar li missieru neħħa r-ritratt ta' ommu minn fuq l-*screen* tal-*mobile* u għamel ritratt ta' mara għarwiena. Jgħid illi darba rritorna d-dar u sab lill-ommu b'xoffitha maqsuma iżda din kienet qaltlu li kienet waqgħet fuq il-pum tal-bieb. Huwa kien sejjer jgħid lill-missieru iżda waqfitu għax qaltlu li kien jagħmel l-istess lilu.

Ix-xhud xehed illi meta marru biex jiġbru xi ritratti mid-dar matrimonjali, l-intimat beda l-ħin kollu jipprovoka lill-ommu billi jgħajjarha miġnuna u jgħidilha li hemm ma kienx postha. Fl-aħħar ix-xhud qallu biex ma jibqax sejjer biha u mar biex itih meta hu kien diġa' daħal fil-karozza. L-intimat beda jgħati mal-bieba tal-karozza u wara ġew fl-idejn. Dakinhar kien sar rapport l-għassa tal-Pulizija wara li kien ġab ċertifika mediku.

8. Ix-xhieda ta' bint il-partijiet, S (fol. 347) li permezz tagħha fejn qalet li missierha minn dejjem kien aggressiv u semmiet li kien jitfa' diversi oġġetti biex tgħaddi tiegħu. Tgħid li telqu mid-dar matrimonjali wara li ommha għamlet operazzjoni. S tghid li kellha tidħol taħdem qabel il-kollegi tagħha sabiex tkun tista' tiffinanzja hajjitha, dik ta' ommha u ta' ħuha. Daħlu jirrisjedu fid-dar li kienet tgħix fiha n-nanna materna tagħha liema dar kellha bżonn it-tiswija. Tgħid illi meta kienu jieklu flimkien fid-dar matrimonjali l-intimat kien jixrob flixkun *whiskey* li kien iwassal biex missierhom jsir aggressiv. Tiftakar li kien ikun hemm ħafna argumenti bejn il-ġenituri tagħha dwar ix-xiri ta' Muturi fejn għal xi żmien anke kellu ħamsa u għoxrin (25) wieħed u għalhekk ommha kienet targumenta miegħu li dawk il-flus setgħu jinvestuhom. Hija ssemmi li mutur wieħed minnhom biss kien ammonta għal ħamsa u tletin (35) elf u ħmistax (15)-il elf oħra sabiex irreġistrah. Għaliha dawn il-flejjes kellhom jintefqu fid-dar matrimonjali.

*Il-Verzjoni tal-Intimat u l-Provi Mresqa Minnu:*

L-intimat xehed quddiem din il-Qorti waqt is-seduta tas-6 t'Ottubru 2022 fejn iddikjara illi l-partijiet iżżewġu wara għerusija ta' sebgħa (7) snin u għal żmien twil ma kellhomx problemi. Madanakollu l-attriċi qatt ma ħadmet matul iż-żwieġ għaliex il-partijiet kienu raw illi xogħol barra mid-dar kien ser iwassal sabiex jintefqu flus f'trattamenti mediċi għall-problemi ta' saħħa li kellha l-attriċi. Min-naħa l-oħra l-intimat kien jaħdem Malta u kienu jgħixu komdi bil-paga tiegħu iżda kapriċċ ma setgħux jagħmluh bħal li jaqbad u jixtri karozza. Għal din ir-raġuni kienu ddeċidew illi l-konvenut imur jaħdem barra minn Malta.

Jgħid il-konvenut illi beda jaħdem ma' raġel ieħor li beda jarrah kompetizzjoni miegħu u sabiex jassigura li l-konvenut ma jeħodlux postu, huwa kien beda jimla' ras l-attriċi li kien hemm ħafna nisa' fejn kien qiegħed jaħdem il-konvenut. Minkejja dawn il-ħsibijiet, l-attriċi xorta waħda riedet il-konvenut ikompli jmur jaħdem barra minħabba l-introjtu għoli li kien idaħħal.

Il-konvenut xehed ukoll illi ma jafx ir-raġuni eżatta għalfejn l-attriċi telqet mid-dar u dan għaliex hija kienet telqet taħt il-pretensjoni illi kienet ħierġa temporanjament sakemm jitlestu ix-xogħolijiet li kienu għaddejjin fid-dar matrimonjali inkluż it-travi mikxufin. Iżda imbagħad il-konvenut kien induna li anke ħwejjeġ tax-Xitwa kienet ħadet magħha u għalhekk kien induna li ma kinetx sejra lura. Induna li kienet ilha tippjana kif se titlaq. Filfatt jgħid li ma kellix għalfejn tmur id-dar matrimonjali u meta daħlet, daħlet biss għal punt tant li kienet maret fetħet il-gwadarobbi, telgħet sa fuq il-bejt u reġgħet ħarġet.

Jgħid illi hu qatt ma refgħa idejh fuq l-attriċi għajr għal darba meta għamel idejh ma' ħalqha għax kienet qed iġġeldu ma' uliedu. Dakinhar kien sorpriż meta ġie mgħajjat mis-Surġenta li kien allegatament taha daqqa ta' ponn. Fir-rigward tat-tfal huwa saħaq illi uliedu ma kienux xehdu l-verita' għaliex kemm-il darba kien għenhom fil-proġetti tal-iskola. Għalih bintu kellha tagħżel li ma tidħolx bejn iż-żewġ ġenituri tagħha.

Il-konvenut xehed ukoll illi meta omm l-attriċi daħlet ġo residenza tal-anzjani, kien hemm ċans li kienet se titlef il-post li qabel kienet tirrisjedi fih. Għalhekk kienu tħajru jixtruh iżda sabu ostaklu legali sabiex jagħmlu dan għalhekk kienu ftehmu illi għalkemm kienu qed jixtruh huma bi flus li ġew mill-introjtu tal-konvenut, kienet ser tkun omm l-attriċi li tidher fuq il-kuntratt ta' bejgħ. Il-konvenut xehed illi hu kien ħareġ mal-erbgħin (40) elf għad-dar t'omm l-attriċi. Qal li hu ma kellux bżonn jidher fuq il-kuntratt stante li l-attriċi kellha prokura biex tiffirma ismu li kien taha meta kien isiefer biex tamministra l-assi tagħhom.

Fil-kontroeżami li sar lilu fis-seduta ta' nhar is-7 ta' Marzu 2024, il-konvenut xehed illi hu kien ser jibdel il-karozza iżda ladarba t-tifel ma ridiex, kien imbagħad taha lil ħuh. Ġara li kienet iggaraxxjatha iżda l-attriċi sgassat u ħadet il-vettur hi.

Sabiex jikkorrabora l-verżjoni tiegħu, l-intimat ressaq is-segwenti provi:

1. Affidavit ta' Edwin Camilleri ossia l-ġar tal-partijiet (fol. 389A) li permezz tiegħu huwa xehed illi huwa joqgħod bejt ma' bejt mal-partijiet madanakollu huwa qatt ma semgħa għajjat jew storbju. Qatt ma ra lill-intimat fis-sakra anzi dejjem ra lill-partijiet il-quddies flimkien.
2. Ix-xhieda tar-rappreżentant tal-HSBC Bank Malta p.l.v. (fol. 498) li eżebixxiet l-*istatements* tal-kont bankarju intestat f'isem omm l-attriċi liema *statements* juru li l-uniku introjtu ta' MC kienu l-benefiċċji soċjali allokati lir-romol u lill-morda. Minn Novembru 2014 jidhru li bdew isiru ġbid (*withdrawals*) tal-fondi minn ġo dan il-kont minn ATMs.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat illi kemm fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2021, dik tat-12 ta' Lulju 2021, kif ukoll tas-7 ta' Diċembru 2021 hija ordnat lill-intimat jgħaddi kopja taċ-ċwievet tal-propjetajiet tal-partijiet lill-attriċi, kif ukoll li l-ebda terza persuna ma tkun tista' tidħol fil-fond matrimonjali jekk mhix membru tal-familja tiegħu.

Rat illi fl-10 ta' Ġunju 2021, l-attriċi ntavolat rikors li bih talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiżgombra lill-intimat mid-dar matrimonjali u dan wara li tisma' lill-Pulizija li assistewha dakinhar li marret biex taċċedi ġewwa d-dar matrimonjali skont ordni ta' din il-Qorti u l-intimat kien aggressiv kemm magħha kif ukoll mal-Pulizija. L-intimat wieġeb billi qal li ma kienx ingħata s-sagħtejn preavviż skont l-ordni ta' din il-Qorti.

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Diċembru 2021 din il-Qorti ordnat lill-Pulizija jisgassaw kwalunkwe bieb tal-propjeta' li l-attriċi tkun trid taċċedi għaliha u ma tkunx tista' minħabba nuqqas ta' ċwievet, u dan wara li semgħet lill-Ispettur Frankie Camilleri jixhed quddiemha.

Rat illi fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2022, din il-Qorti ordnat lill-Pulizija illi taċċedi għall-garaxx tal-partijiet u tara li ċ-ċwievet mgħoddija jaqblu. Fin-nuqqas, il-Pulizija ġiet awtorizzatha tisgassa u tbiddel it-tlett serraturi tal-garaxx. Fl-istess seduta din il-Qorti semgħet lil PC 1500 jixhed illi mal-garaxx ġewwa Ħaż-Żabbar kien hemm tlett (3) serraturi meta l-attriċi kellha ċavetta waħda biss. Xehed ukoll illi quddiemu l-partijiet bdew jillitikaw.

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2022 din il-Qorti semgħet lill-Ispettur Darren Farr jixhed illi meta l-attriċi ngħatat ċavetta xorta kien hemm sokor ieħor u għalhekk l-attriċi xorta ma setgħetx taċċedi l-propjeta'.

Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2022 din il-Qorti ordnat il-korrezzjoni tal-verbal tas-7 ta' Diċembru sabiex tawtorizza lill-Marixxalli tal-Qorti bl-assistenza tal-Pulizija sabiex jisgassaw kull bieb li tiegħu l-attriċi ma kellhiex aċċess.

Rat illi fis-6 t'Ottubru 2022 l-attriċi ppreżentat nota bl-ispejjeż inkorsi għall-bdil tas-serratura kif ukoll għaddiet kopja taċ-ċwievet lill-konsulent legali tal-konvenut.

**Ikkunsidrat:**

***<u>Prinċipji Saljenti għal Każ Odjern:</u>***

Din il-Qorti rat dak stabbilit fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fit-12 ta' Mejju 1925 fl-ismijiet ***Elisa Thompson vs Edward Thompson*** u ċjoe kif isegwi:

> ***"Illi bħala raġunijiet għall-obbjettiv tagħha li titlob il-firda personali l-attriċi tadduċi fil-konfront tal-konvenut żewġha l-adulterju, eċċessi, moħqrija, inġurji gravi, theddid u li l-ħajja matrimonjali m'għadhiex aktar possibbli peress li ż-żwieġ tkisser iiremidjabbilment. Il-konvenut in via rikonvenjenti adduċa fil-konfront ta' martu adulterju u abbandun. Biex il-Qorti taċċetta dawn ir-raġunijiet, jew kwalsiasi waħda minnhom, trid tara li dawn ikunu tali li jirrivestu l-azzjoni proposta u min jagħmilhom hu ħati tagħhom. Il-kwistjoni hi waħda ta' fatt imħollija fil-valutazzjoni ta' min irid jiġġudika, iżda meta jirriżultaw, għandhom indubbjament jifformaw motiv ta' separazzjoni in kwantu jirrendu l-konvivenza komuni diffiċli jekk mhux impossibbli. Illi 'noltre il-Qorti tirrileva li kif inhu paċifiku "perche il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non è necessario che concorrono gli eċċessi, le sevizie, le miaccie, e le ingiurie gravi, ma qualunque di tale cause da sola basta, perchè sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale"***

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-***ismijiet Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

> ***"Dan il-komportament abitwali [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi***

> ***ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili."***

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marthese Vella pro et noe vs George Vella*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi:

> ***"l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet AB vs CB deciza fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendieh hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

**Ikkonsidrat:**

Illi din il-Qorti semgħet liż-żewġ partijiet, lix-xhieda mressqa u fliet l-atti u wara dan l-eżerċizzju tqis il-verżjoni tal-attriċi bħala aktar verosimili. Tqis illi l-verżjoni tal-attriċi ġiet korroborata minn rapporti mal-Pulizija, mix-xhieda tal-uffiċjali tal-Pulizija stess, minn ulied il-partijiet li llum-il ġurnata maġġorenni, mic-ċertifikat mediku kif ukoll ċertu fatti mill-konvenut innifsu bħal per eżempju atti vendikattivi li żarmalha l-karozza waqt li kienet qed tattendi kors. Din il-Qorti stiednet lill-ulied il-partijiet sabiex jerġgħu jaħsbuha qabel taw ix-xhieda tagħhom iżda dawn iddeċiedew li jixhdu u kienu konsistenti f'dak li qalu.

Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti hija konvinta li l-aggressjoni u l-atteggjament tal-intimat li jahseb li hadd ma jista' ghalih u li r-regoli japplikaw ghal kulhadd barra lilu nniffsu, waslet għat-tifrik taż-żwieġ. Anke meta kien qiegħed jiddeponi, il-konvenut wera

attitudni dispreġjattiva għall-aħħar lejn martu bħal jirreferi għaliha bħala "dik" u li arrekiet ruħħha minn fuq daru.

Inoltre, il-provi kollha jindikaw illi l-konvenut ġab ruħu b'mod aggressiv waqt iż-żwieġ fil-konfront ta' martu u ta' uliedu tant li anke ġie fl-idejn ma' ibnu meta dan iddefenda lill-ommu. Il-konvenut donnu jippretendi adorazzjoni minn uliedu u dan għaliex kien imantnihom u jgħinhom fil-proġetti tal-iskola. Din il-Qorti tqis illi dawn huma r-responsabbiltajiet ta' kull ġenitur iżda mhumix l-elementi li jibnu r-rispett u relazzjoni sana bejn ġenitur u uliedu.

Din il-Qorti tagħmel referenza wkoll għall-iżbilanċjar assolut fil-provi li nġiebu. Filwaqt li l-attriċi sostniet dak dikjarat minnha b'dokumenti u xhieda, l-konvenut ressaq ftit li xejn provi. Ma ssostanzjalizza bl-ebda mod la l-allegazzjoni tiegħu li martu kellha wiċċ ħaddieħor, la l-allegazzjoni li martu kienet teħodlu l-flus u twarrabhom għaliha jew li kienet tberbaq bla bżonn.

Fir-rigward tar-raba' talba, din il-Qorti semgħet kif illum bint il-partijiet taħdem bħala infermiera u qiegħda tistudja sabiex tilħaq tabiba. Stante li taħdem fuq bażi *full-time*, m'hemmx lok li jiġi allokat manteniment minn missierha. Inoltre iben il-partijiet jinsab f'impjieg ukoll u għalhekk bl-istess mod m'hemmx lok għal manteniment.

Fir-rigward tal-attriċi, din il-Qorti tqis li llum-il ġurnata l-attrici taħdem u għandha l-introjtu tagħha u għalhekk lanqas hemm lok li jiġi allokat manteniment għaliha kif ġie mitlub fil-ħames talba tar-rikors promotur.

Jifdal biss li din il-Qorti tgħaddi sabiex tillikwida u tikkondividi l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet.

Illi l-unika valuri li tressqu tal-propjeta' parti mill-komunjoni huma r-rapporti tal-perit u inġinier ċivili John Attard u ċjoe li l-fond matrimonjali għandu valur ta' tlett mija hamsa u disghin elf Ewro (€395,000) filwaqt li l-garaxx ġewwa Ħaż-Żabbar għandu valur ta' wiehed u sebghin elf Ewro (€71,000). Oltre minn hekk, hemm il-polza tal-assikurazzjoni li fiha valur ta' madwar sittax-il elf Ewro (€16,000) u n-numru ta' muturi. L-attriċi tissottometti illi l-konvenut għandu numru ferm aktar ta' muturi minn

dawk li joħorġu mid-dokumenti ta' Transport Malta. Din il-Qorti trid tistrieħ fuq il-provi miġjuba quddiemha.

Din il-Qorti tqis li jkun ekwu u ġust illi l-konvenut jiġi allokat il-garaxx bl-indirizz Nru 9, f' "The Muses Garage Complex", Triq iċ-Ċimiterju u Triq Ġdida fi Triq Lanza, Ħaż-Żabbar. Ghaldaqstant l-attrici ghandha tinghata l-ekwiparazzjoni ta' hamsa u tletin elf u hames mitt Ewro (Ewro 35,500).

Min-naħa l-oħra, id-dar matrimonjali bl-indirizz Nru 8 u 9, Triq id-Dejqa, il-Birgu għandha titpoġġa fuq is-suq għal bejgħ b'dan li l-partijiet ikollhom l-għażla li jixtru sehem xulxin bi preferenza għall-terzi. Ir-rikavat minn tali bejgħ għandu jiġi diviż bejn il-partijiet b'mod li minn sehem ir-rikavat tad-dar matrimonjali assenjat lill-intimat, l-intimat ghandu jhallas lill-attrici hamsa u tletin elf u hames mitt Ewro (35,500 Ewro)[1] bhala ekwiparazzjoni ghall-sehem l-attrici mill-garaxx No 9, "The Muses Garage Complex", Triq iċ-Ċimiterju u Triq Ġdida fi Triq Lanza, Ħaż-Żabbar, Din il-Qorti qiegħda takkorda tlett xhur lill-intimat sabiex l-intimat isib residenza alternattiva. Wara dan il-perjodu, l-intimat għandu jivvaka mill-fond matrimonjali sabiex il-fond ikun jista' jintwera lil xerrejja prospettivi mingħajr inkwiet ta' aċċess. F'kaz illi d-dar ma tinbieghx fi zmien sena u nofs millum, id-dar ghandha tinbiegh b'subbasta.

Il-muturi u l-vetturi kollha li hemm ġewwa l-garaxx ta' Ħaż-Żabbar u kwalunkwe vetturi oħra li jistgħu jkunu jappartjenu legalment lir-Raġel qed jiġu assenjati lill-istess Raġel. Min-naħa l-oħra, il-Mara qed tiġi assenjata b'ekwiparazzjoni il-polza t'assikurazzjoni mal-MSV Life p.l.c. bin-numru ta' referenza FP439645.

Il-kontijiet bankarji li huma ntestati konġuntivament bejn il-partijiet għandhom jinqasmu fi kwoti ndaqs bejn il-partijiet. Kontijiet bankarji ntestati f'isem il-partijiet b'mod individwali jibqgħu ta' dik il-parti. Kwalunkwe mandat jew prokura mogħtija mir-Raġel lill-Mara jew vice versa qed tiġi dikjarata bħala revokata u nulla.

[1] Dan il-garaxx gie stmat b'valur ta' 71,000 Ewro

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara lir-Raġel bħala unikament ħati għat-tifrik taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet minħabba sevizzi, inġurji gravi, vjolenza, u theddid.**
2. **Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi l-konvenut iddekada mid-drittijiet ta' manteniment f'każ ta' bżonn *ai termini* tal-art. 48 (1) (c) u iddekada ukoll mid-drittijiet stabiliti fl-artikli 631, 633, 825 826, u 827 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;**
3. **Tilqa' t-tielet talba, tiddikjara l-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet bħala xolta u tgħaddi biex tillikwida l-ġid formanti l-istess komunjoni billi:**
    a. **Talloka lill-konvenut il-garaxx bl-indirizz Nru 9, f' "The Muses Garage Complex", Triq iċ-Ċimiterju u Triq Ġdida fi Triq Lanza, Ħaż-Żabbar;**
    b. **Tordna li d-dar matrimonjali bl-indirizz Nru 8 u 9, Triq id-Dejqa, il-Birgu titpoġġa fuq is-suq għal bejgħ b'dan li l-partijiet ikollhom l-għażla li jixtru sehem xulxin bi preferenza għall-terzi. Ir-rikavat minn tali bejgħ għandu jiġi diviż bejn il-partijiet b'mod li minn sehem ir-rikavat tad-dar matrimonjali assenjat lill-intimat, l-intimat ghandu jhallas lill-attrici hamsa u tletin elf u hames mitt Ewro (35,500 Ewro)[2] bhala ekwiparazzjoni ghal sehem l-attrici mill-garaxx No 9, "The Muses Garage Complex", Triq iċ-Ċimiterju u Triq Ġdida fi Triq Lanza, Ħaż-Żabbar. Din il-Qorti qiegħda takkorda perjodu ta' tlett xhur lir-Raġel sabiex isib residenza alternattiva u wara dan il-perjodu għandu jivvaka mill-fond matrimonjali sabiex dan ikun jista' jintwera lil xerrejja prospettivi mingħajr inkwiet ta' aċċess. F'kaz illi d-dar ma tinbieghx fi zmien sena u nofs millum, id-dar ghandha tinbiegh b'subbasta.**
    c. **Talloka l-muturi u l-vetturi kollha lill-konvenut Raġel. Min-naħa l-oħra, il-Mara qed tiġi assenjata b'ekwiparazzjoni il-polza**

[2] Dan il-garaxx gie stmat b'valur ta' 71,000 Ewro

**t'assikurazzjoni mal-MSV Life p.l.c. bin-numru ta' referenza FP439645.**

d. **Tordna li kwalunkwe kontijiet bankarji li huma ntestati konġuntivament bejn il-partijiet għandhom jinqasmu fi kwoti ndaqs bejn il-partijiet. Kontijiet bankarji ntestati f'isem il-partijiet b'mod individwali jibqgħu ta' dik il-parti. Kwalunkwe mandat jew prokura mogħtija mir-Raġel lill-Mara jew vice versa qed tiġi dikjarata bħala revokata u nulla.**

4. **Tiċħad ir-raba' talba stante li ulied il-partijiet ilum-il ġurnata huma t-tnejn maġġorenni u ghalqu it-tlieta u ghoxrin (23) sena.**
5. **Tiċħad il-ħames talba għar-raġunijiet mogħtija aktar 'il fuq.**
6. **Tinnomina lin-Nutar Dr Liza Schembri sabiex tircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u lill-Kuratur Dr Stefano Filletti biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.**

**L-ispejjes għandhom jitħallsu mill-konvenut.**

**Tordna kommunika ta' din is-sentenza lil Dr Liza Schembri u Dr Stefano Filletti.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**